# KONKORS FOLKLORISTIKU

Fis-sena 1988, l-Ghaqda tal-Folklor organizzat konkors ta' Kitba minn tfal u kbar "BIEX MA NHALLUX L-IMGHODDI JINTILEF"

Dan gie mniedi b'cirkolari u fil-gazzetti lokali fi Frar 1988, b'data ta' l-eghluq sal-15ta' Mejju 1988.

Il-Kundizzjonijiet kienu dawn:
SUGGETTI:
1.Sena jew xoghol ta' l-imghoddi ta' kwalinkwe xorta, fejn jissemmew ukoll l-ghodda, metodi, possibilment b'disinji jew ritratti.
2.Loghob jew passatemp jew divertiment ta' l-imghoddi, jekk jista' jkun ukoll b'xi disinji jew ritratti.
3.Ghajdut, taqbil dwar devozzjonijiet, nies, stwazzjonijiet, hajja fid-dar, kura, leggendi, ecc...
REGOLAMENTI U KUNDIZZJONIJIET:
a.Il-partecipanti jistghu ikunu kate gorija (i)tfal, jew(ii)Kbar.
b.Il-kitba, li tista' tkun twila jew qasira, GHANDHA TKUN ORIGINALI, mhux ikkupjata, u mhux ibbazata fuq xogholijiet ga stampati band'ohra.
c.Il-kitba trid tkun esperjenza personali ta' nies anzjani, jew rizultat ta' kuntatti jew intervisti ma nies anzjani, li ghandhom jissemmew bl-isem u bl-indirizz fil-kitba, bhala referenza.
d.Jekk jiktbu t-tfal fil-kategorija taghhom, ghandhom ukoll jaghmlu kuntatti jew intervisti ma' nies ohra anzjani li ghandhom jissemmew bl-isem u bl-indirizz bhala referenza.
e.L-ahjar kitba fiz-zewg kategoriji tinghata premju tifkira, u certifikat ta' partecipazzjoni. Kull min jippartecipa, ukoll skola li tirrikmanda xi tfal u kitba, jircievu certifikat ta' partecipazzjoni.
f.Il-kitba ghandha tintbghat lill-Ghaqda tal-Folklor c/o Sur Guido Lanfranco,78,St.Trophimus Street, Sliema, jew c/o Sur Alfred Fenech,"Grezz" Triq id-Dirsa,Attard, akkumpanjata bl-isem, indirizz u telefon ta' min jikteb. MHUX AKTAR TARD MINN 15 ta' MEJJU 1988
g. Il-kitba tinzamm mill-Ghaqda tal-Folklor, u jekk addattata, tista' tigi ppublikata fl-Imnara, perjodiku ta' l-Ghada tal-Folklor. Min jitlob il-kitba lura, din tintbghatlu, izda l-Ghaqda zzomm fotokopja ghar-rekords taghha.

Ikkonkorrew tlieta tasima Tfal, u sitta taqsima Kbar. Fis-27 t'Ottubru 1988 saret it-cerimonja tat-tqassim tac-certifikati mis-Sur Guze' Cassar Pullicino, fil-British Legion(Malta) il-Belt, u z-zewg tazzi ghall-ewwel premju ta' kull kategorija gew irregalati minn Dr.Charles Cassar,M.D.,il-fundatur ta' l-Ghaqda tal-Folklor. Il-kitbiet li dahlu qed jigu ippublikati fl-Imnara, hlief tnejn minnhom, li ghalkemm nghataw certifikat ta' partecipazzjoni, kienu ga dehru stampati shah jew parti minnhom, band'ohra qabel il-konkors.(ara b tar-regolamenti hawn fuq)